MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Settembru, 2007

Numru 754/2007

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli)

vs

Ali Mohammed Younes

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Ali Mohammed Younes detentur ta' Immigration file numru 05UU-193, akkuzat talli;

1. gewwa Hal-Far nhar is-7 ta' Marzu 2006, bhala persuna mizmuma skond il-ligi gewwa post ta' kustodja u cioe' gewwa l-Lyster Barracks Centre, harab mill-imsemmi post u dan bi ksur ta' l-artikolu 152 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. gewwa San Pawl il-Bahar u bnadi ohra f'Malta nhar il-5 ta' Settembru 2007, bil-hsieb biss li jaghmel uzu temporanju saq vettura IAF-174 kemm b'forza mekkanika jew b'mod iehor naqas li jkollu permess tas-sid jew awtorita' kompetenti ohra; Artikolu 288 tal-Kap 9.

3. fl-istess data, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura IAF-174 minghajr ma kienet licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex jintuza fit-triq (licenzja mhux rinovata); Kap 65 Artikolu 15 (1)(a)(2).

4. saq l-imsemmija vettura numru IAF-174 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan taht kat 'B' mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex isuq l-imsemmija vettura; Kap. 65 Art. 15(1)(a).

5. b'hekk ma kienx kopert bil-Polza tas-Sigurta' dwar ir-riskju tat-terzi persuni. Il-Prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' mhux inqas minn tnax-il xahar. U dan ai termini tal-Artikoli Sec. 61(1) Chap 65 Sec. 15(1)(a)(2), Chap 65, Sec. 15(1)(a)(3), Chap 65, L.N. 191/02, Sec. 3 Chap 104.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Ikkonsidrat:

Illi l-imputat irregistra ammissjoni volontarja u inkondizjonata.

Illi ghalhekk il-Qorti tista' tghaddi immedjatament sabiex teroga l-piena filwaqt li tiddikjara l-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Rat l-Artikoli 288, 17 tal-Kap 9, Artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap 65, l-Avviz Legali 191/02, Artikolu 3 tal-Kap 104 u l-Artikolu 10 tal-Kap 152

tikkundannah sena u tlett xhur prigunerija sospizi ghal 4 snin.

Il-Qorti tiddikjara li qeghdha taghti din il-piena billi l-ufficjal prosekutur iddikjara li l-imputat ser jigi deportat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------